**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Anthony Mc Kay**

Kump Numru: 1037/2014

Illum 14 ta' Frar 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Mc Kay, ta' 44 sena, iben Anthony u Josephine nee' Agius, imwieled Pieta', fis-16 ta' Gunju 1970 u residenti 2, Triq San Lawrenz, Isla, detentur ta' karta tal-identita' 267270 (M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-17 ta' Mejju, 2010 u wara din id-data:

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b''qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor, liema ammont ta' hsara jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro w erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu tas-socjeta' Middlesea Insurance Plc u/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

Akkuzat ukoll talli nhar is-16 t'Awwissu, 2010, f'xi hin bejn is-1.45p.m. u l-5 p.m., fi Triq Nazju Ellul, Gzira:

2. volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' karozza Volkswagen Polo, numru tar-registrazzjoni CBT689, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centezmu (€1164.69), imma izjed minn mija w sittax il-Euro u sebgha w erbghin centezmu (€116,47) ai termini ta' l-Artiklu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiiiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' Lucienne Cini u/jew ta xi persuna/i ohra iew' ta' xi entita' jew entitajiet ohra.

3. talli kkommetta l-istess reati, punibbli bi prigunerija, fit-terminu operattiv ta' sentenza sospiza, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta imposta fuqu b'sentenza efinittiva mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D.), nhar il-4 t' Ottubru 2007;

4. Fl-ahharnett, nakkuzah ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikokli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab addebitat bir-reati ta' frodi, hsara volontarja, li wettaq l-istess reati fit-terminu operattiv ta' sentenza sospiza u li huwa recediv.

Mill-atti jirrizulta li:

- L-imputat kellu gizirana tad-deheb assigurata mal-Middlesea Insurance plc.

- Fis-17 ta' Mejju 2010 l-imputat mar jirrapporta fl-Ghassa tar-Rabat li kien tilef gizirana tad-deheb waqt li kien il-grawnd f'Ta' Qali. Huwa kien qal li tizen 380 gr u li kienet tiswa €6,980[1].

- **Patrick Muscat**, Chief Officer ta' Middle Sea Insurance plc fil-Claims Department, xehed[2] li jaf lill-imputat fuq zewg claims bhala klijent. Spjega li l-imputat kellu polza *all risks* fejn il-gizirana kienet inxurjata ghal madwar €7,400. Kienet dahlet claim li ntilfet jew insterqet wara loghba futbol. Kien hemm xi diffikultajiet fuq il-claim u l-imputat baqa' jinsisti u offrewlu €2,000 u huwa accettahom. Il-claim kienet ipprocessata minn Lucienne Cini billi huwa dahal fil-claim fl-ahhar tal-process biex tittiehed decizjoni.

  Id-diffikultajiet kienu li kien hemm xi nies li marru l-ufficcju u qalulhom fuq il-claim u l-pulizija wkoll talbithom xi informazzjoni u

[1] Dok FG a fol 55 tal-process
[2] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015

l-persuna li kienet qeghda tiprocessa l-claim kellha 3 tyres mill-karozza slexxjati u kellha xi briex fuq il-karozza.

Fis-sena 2014 dahlet informazzjoni minghand l-Ispettur Mercieca fuq l-istess gizirana u l-assigurazzjoni rkuprat lura l-€2,000 minghand l-istess imputat.

- **Lucienne Cini**[3], tahdem mal-Middle Sea Insurance plc bhala Non-Motor Claims Head. Hija ghamlet rapport l-Ghassa tal-Gzira fis-17 ta' Awwissu 2010 li sabet 3 tyres imqattghin u bil-grif mal-karozza taghha. Hija xehdet li taf lil-imputat billi kien ghamel claim fuq gizirana. L-assigurazzjoni kellha problema minhabba non-disclosure tal-assigurat taghhom fuq il-proposal form. B'hekk il-claim giet rifjutata.

  L-imputat ma kienx kuntent b'dan l-ezitu u kien hemm anke incident fl-ufficcju fejn heddidha. Wara dan l-incident offrewlu pagament *ex gratia* ta' €2,000 li huwa accetta. Imbaghad dahal fil-claim lejn l-ahhar, Patrick Muscat. Tal-hsarat fil-karozza hija thallset.

- **Elsayed Abdel Salim El Sisy** xehed[4] li huwa kien joqghod hdejn l-imputat u kien jarma mieghu f'Bieb il-Belt. Rigward il-gizirana, l-imputat kien qallu li tilifha u ghamel rapport fuqha. Qallu wkoll li kien qabbad lil xi hadd biex jifqa' tyre ta' karozza minhabba l-assigurazzjoni. La qallu lil min qabbad u lanqas ta' min kienet il-karozza. Eventwalment[5] ix-xhud qal li ma ftakarx fejn kien intqal id-diskors. Illum ir-relazzjoni mal-imputat hija kemm isellmu lil xulxin.

- **Wpc Daniela Grima Sultana**[6] xehdet li l-imputat mar fil-5 ta' Frar 2011 l-Ghassa biex jinforma li waqt li kien il-Knisja tal-Karmelitani l-Belt qassis kien irritornalu l-gizirana.

- **L-Ispettur Spridione Zammit** xehed[7] li kien gie infurmat mis-Surgent Azzopardi fl-Ghassa tar-Rahal Gdid li certu El Sisy ried ikellmu. Fis-7

[3] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015
[4] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015
[5] Seduta tal-1 ta' Gunju 2015
[6] Seduta tal-1 ta' Gunju 2015
[7] Seduta tal-1 ta' Gunju 2015

ta' Novembru 2010 kellem lil El Sisy li qallu li certu Anthony Mc Kay kien qallu li tilef xi choker f'xi grawnd. Qal li darba kienu mexjin x'imkien il-Belt flimkien u l-imputat kien urieh karozza u qallu li kienet ta' mara li tahdem il-Middlesea Insurance plc u li kien faqghalha 4 tyres. Dan Anthony Mc Kay kien qallu ghaliex ma kinitx irrangatlu minhabba l-claim. L-Ispettur ghalhekk kien ghamel indagni rigward hsara fuq vettura u kkomunika mal-Middlesea Insurance plc u kien gie provdut b'image ta' cekk ta' €2,000 li kien sar ghal hlas tac-choker. Kien ra wkoll affidavit tal-imputat li kien tilef ic-choker. Gie kkonfermat ukoll li kienet saret hsara fuq il-vettura. El Sisy kien qallu li l-gizirana kienet ghadha ghand l-imputat. L-ispettur ha stqarrija lill-imputat fit-30 ta' Novembru 2010 fejn fost ohrajn staqsih fuq il-gizirana u l-hsara fil-vettura u huwa cahad l-involviment tieghu[8]. Ix-xhud esebixxa diversi dokumenti relatati mal-assigurazzjoni kif ukoll rapport[9] li huwa rapport li kien sar mill-imputat fis-6 ta' Novembru 2010 fuq El Sisy li mar jheddu fosthom li kien se jigdeb fuqu mal-assigurazzjoni. In kontro-ezami xehed li fiz-zmien li sar ir-rapport, l-imputat u El Sisy ma kienux qeghdin jitkellmu. Huma kienu jgiebu xoghol minn barra u jarmaw fuq xi monti.

- **Fr Martin Schembri** xehed[10] li huwa jaf lill-imputat meta kien il-Belt fil-Knisja tal-Karmnu. Ikkonferma li ghadda l-gizirana lill-imputat meta giet ghandu fis-sigriet tal-qrar.

- **Pc 893 Mark Galea** pprezenta[11] li sar fis-16 ta' Awwissu 2010 dwar karozza Reg Nru CBT 649 li kellha hsarat: girfa fuq in-naha tax-xellug in-naha ta' wara u 3 tyres mifqughin. **PS 894 Alfred Cassar** ikkonferma[12] li ra l-vettura bil-hsarat.

- **L-Ispettur Joseph Mercieca** xehed[13] dwar il-fatt li l-investigazzjonijiet bdew wara li kienu twettqu diversi atti ta' vandalizmu fuq proprjeta' tas-sur Patrick Muscat. Is-sur Muscat indika lill-imputat bhala s-

[8] Dok SZ 3 a fol 78 tal-process
[9] Dok SZ2 a fol 76 tal-process
[10] Seduta tal-1 ta' Gunju 2015
[11] Seduta tal-1 ta' Gunju 2015, Dok MG a fol 91 tal-process
[12] Seduta tal-1 ta' Gunju 2015
[13] Seduta tas-7 ta' Lulju 2015

suspettat ewlieni ta' dawn l-atti billi kull fejn l-imputat kien jarah kien imur fuqu, jdejqu u hafna theddid sottili. Is-sur Muscat informa wkoll lill-Ispettur li l-imputat kellu diversi claims mal-Middlesea Insurance plc u kien jiehu hsiebhom huwa. Gie nfurmat li wahda mill-kwistjonijiet li kellu l-imputat kien il-claim dwar allegat telf ta' gizirana li kienet tiswa madwar €7,000 li kienet giet rappurtata mitlufa fis-17 ta' Mejju 2010. Is-sur Muscat qallu li wara li Middlesea Insurance plc irceviet informazzjoni kunfidenzjali li l-claim setghet kienet malizjozament mahduma, huwa kien irrakkomanda li l-claim ma tigix kunsidrata favorevolment u ghamel minuta f'dan is-sena fil-file. Minn hemm, huwa sostna li bdew sensiela ta' intimidazzjonijiet tant li l-assigurazzjoni ghazlet li tasal fi ftehim mal-imputat u offrewlu s-somma ta' €2,000 li huwa accetta. Ikkunsidrawh persuna non grata u tterminawlu l-klijentela.

Fis-6 ta' Novembru 2010 (5 xhur wara r-rapport tat-telf tal-gizirana) l-imputat ghamel rapport fil-konfront ta' El Sisy li kien hemm theddid minn El Sisy li kien se jirrappurtah lill-assigurazzjoni li kien hemm rapport falz dwar it-telfien tal-gizirana[14]. Meta l-pulizija indagaw fuq dan ir-rapport El Sisy ikkonferma parti minnu kemm ghal-gizirana u kif ukoll qal li l-imputat ftahar mieghu li kien ghamel hsara fuq vettura ta' persuna femminili li kienet tahdem mal-Middlesea Insurance u dan billi kienu qeghdin joholqulu l-problemi fuq il-claim. Infatti rrizulta li fis-16 ta' Awwissu 2010 Lucienne Cini kienet ghamlet rapport fuq hsara volontarja fuq il-karozza taghha. Imbaghad l-Ispettur Mercieca kompla billi spjega dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat.

Ix-xhud esebixxa wkoll ricevuta mahruga favur l-imputat u ftehim bejn l-imputat u l-assigurazzjoni. [15]

- **L-Ispettur Maurice Curmi,** prodott mid-difiza, xehed[16] li fiz-zmien li kien stazzjonat fl-Economic Crimes Unit kien ressaq lil certu El Sisy

---

[14] Vide xhieda PS 100 Terence Azzopardi fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2016

1515

[16] Seduta tal-21 ta' Frar 2017

akkuzat bi frodi u approprjazzjoni indebita u huwa kien instab hati. L-imputat kien xehed f'dawk il-proceduri. Huwa jaf ukoll li El Sisy ghandu proceduri ohra kontrih minhabba l-istess akkuzi.

- **Joseph Barwani** fil-fatt ikkonferma dak li xehed l-Ispettur Curmi u fil-fatt spjega li kien ta l-flus lil El Sisy biex igiblu xi merkanzija u baqa' ma gablu xejn u ghalkemm instab hati permezz ta' sentenza u gie kkundannat jirrifondih baqa' ma thallas xejn lura[17].

- **Rita Vassallo** xehdet[18] li hemm proceduri pendenti fil-konfront ta' El Sisy abbazi ta' kwerela li ressqet hija billi allegatament selfitu xi flus u l-imputat mar maghha biex taghmel ir-rapport. Qalet li El Sisy qieghed iroddilha l-flus lura bil-mod permezz tal-Qorti.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Permezz ta' din l-imputazzjoni l-imputat qieghed jigi addebitat bi frodi.

L-elementi rikjesti biex jissussisti dan ir-reat hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna[19].

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[20].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna[21]. Fi kliem Antolisei[22]

---

[17] Seduta tal-21 ta' Frar 2017

[18] Seduta tal-14 ta' Gunju 2017

[19] Ara s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Fountain et deciza fil-15 ta' Dicembru 2011

[20] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

[21] Ara fost ohrajn **Pulizija vs Giuseppe Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Frar 2018

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[23].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[24].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[25]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm*

[22] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

[23] Op cit pagna 357

[24] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

[25] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni***

***specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "* ***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione***

***di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi inkwantu ghal din l-imputazzjoni din tirreferi ghas-17 ta' Mejju 2010 u wara din id-data u qieghed jigi allegat li ghalkemm l-imputat mar jaghmel rapport mal-pulizija li huwa tilef gizirana u mar jaghmel claim mal-assigurazzjoni tieghu in verita' din il-gizirana ma kien tilifha xejn u kienet baqghet ghandu. Abbazi tal-claim tieghu l-imputat thallas l-ammont ta' elfejn euro mill-assigurazzjoni.

Illi in sostenn ta' tali imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda u pprezentat diversi dokumenti.

Inkwantu ghal uhud mid-dokumenti, senjatament id-dokumenti prezentati mill-Ispettur Spiridione Zammit minn fol 59 et sequitur tal-process u mill-Ispettur Joseph Mercieca a fol 142 u 143 tal-process, id-difiza sostniet li billi tali dokumenti ma gewx ikkonfermati bil-gurament

minn min hareg l-istess dokumentazzjoni dawn ghandhom jigu dikjarati inammissibbli[26]. Dwar dan il-punt id-difiza ghandha ragun inkwantu d-dokumenti ezebiti ma gewx ikkonfermati bil-gurament mill-awturi taghhom ossija Patrick Muscat tela' jixhed darbtejn izda ma giex muri Dok SZ1 u l-istess jinghad ghal Lucienne Cini. Lanqas id-dokumenti a fol 142 u 143 ma gew ikkonfermati bil-gurament.

Qieghed ukoll jigi rilevat li l-istqarrija tal-imputat li giet rilaxxjata fit-30 ta' Novembru 2010[27] qeghda tigi skartata tenut kont li abbazi tal-gurisprudenza ormai kostanti din ittiehdet minghajr id-dritt tal-assistenza tal-avukat u kwindi l-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni taghha.

Biss pero' anki fin-nuqqas ta' dawn id-dokumenti appena msemmija, il-Qorti xorta wahda tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi din l-imputazzjoni. Gie stabilit li fis-17 ta' Mejju 2010 l-imputat mar jaghmel rapport ghand il-pulizija li ntilfitlu l-gizirana fil-grawnd f'Ta' Qali. Tali gizirana kienet assigurata mal-Middlesea Insurance plc. L-imputat mar jaghmel il-claim tieghu. Dan gie kkonfermat kemm minn Patrick Muscat u Lucienne Cini. L-assigurazzjoni ma kinitx ikkunsidrat favorevolment it-talba tieghu izda minhabba li huma xehdu li kienu inqalghu xi incidenti mill-imputat fl-ufficini l-assigurazzjoni ddecidiet li thallsu €2,000 bhala pagament *ex gratia* ftit xhur minn mindu ghamel il-claim. L-imputat hames xhur wara li rrapporta li tilef il-gizirana mar jirrapporta lil El Sisy li dan kien qieghed iheddu li kien se jirrapportah li kien ghamel rapport falz dwar il-gizirana ghax mhux veru kien tilifha. El Sisy meta mitkellem mill-pulizija f'dak l-istadju hekk sostna. Eventwalment din il-gizirana, madwar disa' xhur wara r-rapport, thalliet ma' Fr Martin Schembri waqt il-qrar fil-Knisja tal-Karmelitani, il-Belt. Mirakolozament il-gizirana thalliet proprju ma' qassis li kien jaf lill-imputat u fil-knisja li huwa kien jattendi!! L-imputat ma marx igharraf lill-assigurazzjoni b'dan il-fatt. L-imputat fl-istqarrija tieghu rilaxxjata fit-13 ta' April 2014 jikkonferma li huwa ma nfurmax lill-assigurazzjoni li l-gizirana kienet f'idu izda ddikjara li kien lest li jirrifondi l-flus lura. Dwar tali imputazzjoni xehed ukoll El Sisy li quddiem din il-Qorti kien pjuttost reticenti biex jixhed. Mehud dawn il-fatti in kunsiderazzjoni l-Qorti m'ghandhix dubju li l-imputat fil-fatt ma kienx tilef il-gizirana xejn izda

[26] Vide **Repubblika ta' Malta vs David Norbert Schembri** deciza mill-Qorti Kriminali fil-31 ta' Mejju 2007
[27] Dok MZ a fol 349 tal-process

ghamel ir-rapport biss biex ikun jista' jaghmel il-claim mal-assigurazzjoni biex jithallas mill-assigurazzjoni. Wara li imbaghad induna li l-kwistjoni kienet se tikber halla l-gizirana fil-Knisja.

Ghalhekk l-imputat se jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Dwar din l-imputazzjoni ta' hsara volontarja filwaqt li gie ppruvat li Lucienne Cini sofriet hsarat fil-vettura taghha fid-data indikata u filwaqt li waqt l-inkjesta magisterjali Elsayed Abdel Salim El Sisy ikkonferma l-istqarrija li rrilaxxja bil-gurament huwa sostna li l-imputat stqarr mieghu li qabbad lil xi hadd biex jifqalgha t-tyres tali prova ma twassalx sal-livell ta' prova rikjest mil-ligi u dan aktar u aktar meta l-kredibilita' tax-xhud mressaq hija dubjuza.

Ghalhekk l-imputat mhux se jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Illi giet prezentata vera kopja fotostatika ta' sentenza li inghatat fil-konfront tal-imputat fl-4 ta' Ottubru 2007[28] moghtija mill-Qorti tal-Magistrati(Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Il-konnotati huma identici ghal dak tal-imputat odjern. Permezz ta' din is-sentenza l-imputat kien gie kkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Ghalhekk billi l-imputat qieghed jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni, anki din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata billi l-perjodu operattiv tas-sentenza kien ghadu qieghed jiddekorri.

**L-addebitu tar-Recediva**

L-imputat jinsab addebitat bl-addebitu tar-recediva a tenur tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. L-uniku sentenza li giet prezentata in atti

[28] Dok JM1 a fol 110 tal-process

hija dik appena succitata. Tenut kont li l-perjodu operattiv kien ghadu qieghed jiddekorri huwa zgur li l-istess ma tistax tittiehed inkwantu ghar-recediva fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Jirrizulta izda li jista' jinstab hati tal-addebitu fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, u l-fedina penali tieghu li hija wahda pjuttost ikkulurita u mil-liema jirrizulta li l-imputat inghata hafna drabi opportunitajiet mill-Qorti biex ma jkomplix fit-triq li kien qabad, kif ukoll il-fatt li huwa irrifonda lura l-ammont ta' €2,000 u se tirreferi wkoll ghas-Social Inquiry Report. Minn dan jirrizulta li jkun ta' gid li l-imputat jinghata l-gwida necessarja sabiex ighix hajja izjed ghaqlija, indipendenti u 'l boghod mill-vizzji. Huwa jehtieg ukoll li jircievi ghajnuna psikjatrika u psikologika. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li ghandha tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation u Ordni ta' Trattament. Inoltre' b'referenza ghat-tielet imputazzjoni se testendi t-terminu.

Inkwantu ghall-process verbal li gie prezentat tenut kont li r-rapporti tal-istess esperti hemm nominati ma kienux relevanti l-imputat mhux se jigi kkundannat ihallas ebda spejjez.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha tilliberah, wara li rat l-artikoli 49, 308 u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu b'dan li inkwantu ghall-addebitu tar-recidiva mhux qieghed jinstab hati fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni u ghall-addebitu tar-recediva bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda titratta mal-hati dwar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano fl-4 ta' Ottubru 2007, permezz ta' liema sentenza

huwa kien gie kkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, billi tordna illi l-perijodu operattiv ta' erba' snin jerga' jibda jiddekkorri mill-gdid mil-lum stess.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin ghal ghajnuna psikjatrika u psikologika u biex ikompli jahdem sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju ta' Probation u parole.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**